ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 49 tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 29 ta’ Mejju, 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Mejju 2012;
   b) Skeda ta’ Ħlas Mejju 2012;
   c) *Management Letter*;
5. Toroq;
6. Bandli;
7. Il-Fuljett;
8. Jum Ħal Għaxaq;
9. *Streaming* tal-Laqgħat;

7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 48 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Dwar 10.a Is-Sinjura Marianne Schembri li ġiet mogħtija Ġieħ Ħal Għaxaq ipprovdiet kopji taċ-Ċertifikati lill-Kunsill.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment infurmaw li dwar il-memo 27/2010, l-€ 10,000 marbuta ma' din l-iskema li kien għad fadlilna biex nieħdu ħadnihom u ġew depożitati dirett fil-kont tal-bank.
Bagħatu wkoll dwar stedina għall-Konferenza Immaġina 18 dwar Ġenerazzjonijiet Diġitali, l-Ilma u l-Ħajja; Il-Benesseri u d-Diversita'; kif ukoll Caravaggio u l-Belt, fit-30 u l-31 ta' Mejju, 2012, għal din il-konferenza ser tattendi waħda mil-ġranet is-Segretarju.
Infurmaw ukoll dwar l-Istrateġija Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali 2012-2017 – Proċess ta' Konsultazzjoni.

Irċevejna wkoll Memo 22/2012 – Ħsarat jew Ilmenti lill-Enemalta u Proposti għal lampi Ġodda ta' kif għandna isir il-proċedura sabiex tirraporta xi ħsara u anke talba għal bozza ġdida.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw li ser isir Seminar dwar *Renewable Energy Scenarios in Islands* – RESI fil-21 ta' Mejju, 2012.

Infurmaw ukoll li l-AKL se tiehu sehem fil-Malta Trade Fair li ssir bejn id-29 ta' Ġunju u t-8 ta' Lulju, 2012.u ser isir Seminar fis-7 ta' Lulju, 2012, b'konnessjoni mal—Energija w t-tibdil fil-klima. Il-ħlas għal dan is-seminar huwa ta' € 10.

Bagħatu wkoll dwar Konferenza *VIT Project* dwar il-Volontarjat u d-demokrazija li ser isir fit-22 ta' Ġunju, 2012, ġewwa l-*Osborne Hotel*.

Irċevejna wkoll dwar Laqgħa t'Informazzjoni mill-PPCD dwar *Climate Change and Resource Efficiency* fit-28 ta' Mejju, 2012, ghal din il-laqgħa ser jattendi s-Sindku.
Bagħatu wkoll dwar il-formoli l-ġodda tal-*Health Scheme tal-Middlesea Insurance plc*.

3. Mill-MEPA infurmaw li l-bilanċ disponibbli għal fondi tal-UIF huwa ta' € 23,584.92. Bagħatu wkoll dwar l-*Initial Setting Out of Scheme Alignment* – tal-Ġnien tal-*Housing Estate*.

   Infurmaw ukoll li għandna ssir laqgħa fis-17 ta' Mejju, 2012, dwar PA 6913/05 – tal-SMEs', fejn għaliha attenda s-Sindku.

   Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni saret fuq is-sit fejn kienu se jsiru t-tankijiet taż-żejt, issa ser isiru garaxxijiet u żewġ ġwiebi kbar. Is-Sindku kompla jgħid li waqt id-diskussjoni hu kkummenta dwar l-ilma kkontaminat li se joħroġ u jibqa' sejjer fil-Wied tal-Barrani u dan jidħol fil-*water table.*

   Għal dan il-kumment wieġeb il-*Case Officer* li qal li se jkun hemm żewġ ġwiebi, waħda tilqa' l-ilma kkontaminat tal-*plant* u l-oħra bl-ilma tajjeb.

4. Mit-*Transport Malta* fejn infurmaw dwar ir-rotot il-ġodda u l-ħinijiet tagħhom.

6. Mid-*Drug Squad* fejn talbu sabiex jekk hemm il-ħtieġa isir laqgħa magħhom.

7. Mill-Kumitat Konġunt taż-Żejtun fejn irecevejna r-*Report & Financial Statements as at 31 December, 2011*.

8. Mingħand il-Perit Edric Micallef fejn informa dwar il-proposti marbuta mal-Estensjoni *Powerstation* ta' Delimara.

9. Mingħand Ms Marcon Cassar tal-KMS, dwar it-taqssim taċ-ċertifikati tal-*After School Sports Programm* li saret fil-15 ta' Mejju, 2012, għaliha kien preżenti s-Sindku flimkien m'uffiċċjali tal-KMS.

10. Mingħand l-*Għaxaq Football Youth Nursery*, fejn bagħatu l-*invoice* għal ħlas tal-kowċ tal-*football* għas-sezzjonijiet li saru matul 2011/2012, li tammonta għal € 1,000.

    Il-Kunsill qabel li din titħallas.

11. Mingħand is-Sur C. Vella, fejn informa dwar ppubblikazzjoni ġdida tal-ktieb bl-isem 'Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gżejjer Maltin', il-prezz tiegħu huwa ta' € 9.50. Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ kotba għall-librerija.

12. Mill-MCCA fejn infurmaw li huma joffru sezzjonijiet qosra għal pubbliku dwar l-Għarfien tad-Drittijiet li għandhom il-Konsumaturi. Sar qbil li tista' ssir sezzjoni għal dawk in-nisa li jattendu l-*Mother & Baby Club*.

13. Mill-WasteServ dwar ic-*Civic Amenity Sites*.

14. Mingħand D.Mallia, fejn ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-irċevuta li ħallset il-claim ta' €55, sabiex tiġi rifonduta tiegħu. Din il-claim saret minħabba li Ms Mallia kellha aċċident bil-karozza tagħha waqt li kienet fuq qadi tal-Kunsill.

    Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li Ms Mallia tiġi rifonduta l- €55.

15. Irċevejna tlett kwotazzjonijiet biex isir *Banner* tal-proġett li qed isir fil-*Housing Estate*.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dawn kienu: | A & S Billboards/signs/events | = | €130 + VAT |
| | Emotions Signworks | = | €185 + VAT |
| | Dino Signs | = | €140 VAT incl. |

Wara diskussjoni s-Sindku qal li l-Billboards ta' A & S isiru fuq materjal jixbaħ il-perspex u jkun jiflaħ għall-elementi filwaqt li tal-kumpaniji l-oħrajn huma magħmulin minn tip ta' kartun oħxon. Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' A & S.

16. Mingħand is-Sur Attard tal-Green MT, fejn jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill sabiex jagħmel preżentazzjoni viżiva ta' x'servizzi joffru. Il-Kunsill qabel li din il-kumpanija tagħmel l-istess xogħol li l-Kunsill qed ikollu mal-Greenpak bħalissa.

17. Mill-Kappillan fejn stieden lill-Kunsill għal-quddiesa tal-ewwel Jum tat-Tridu fil-31 ta' Mejju, 2012, fis-6:30 p.m. u wkoll għal quddiesa ta' Jum il-Festa il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, 2012 fid-9.00am..

18. Mill-MHEC, stedina mill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' għal għoti tad-demm fit-2 ta' Ġunju, 2012.

19. Gejna infurmati mil-MEUSAC dwar laqgħa ta' Diskussjoni: Is-Seba Programm ta' Azzjoni Ambjentali u RIO+20 li ser issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Mejju, 2012, f'Dar l-Ewropa.

20. Mingħand is-Sur John Camilleri u Andre Xuereb irċevejna talba biex dawn jarmaw fi Triq Dun Gużepp Demicoli lejliet il-festa ta' San Gużepp.

Is-Segretarju qalet li meta tkun se tinħoloq posta ġdida jew se jitmexxew il-posti l-pubbliku jkun mgħarraf permezz tal-Gazzetta tal-Gvern. Wara diskussjoni sar qbil li dawn is-sinjuri jingħataw posta fi Triq Dun Gużepp Demicoli fejn l-i*Stage* tal-karozzi tal-linja.

21. Il-Kummissjoni Interdjoċesjana Ambjent qed torganizza kors bejn Ġunju u Lulju bl-isem Ħolqien. Bagħatu l-programm ta' dan il-kors u l-applikazjoni.

22. Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' nformawna li ser issir laqgħa dwar Aċċess għal Kulħadd nhar 20 ta' Ġunju, 2012, fis-2.00pm. Għal din il-laqgħa ser tattendi s-Segretarju.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra lill-sid tal-Istanbul Turkish Kebab ta' Bir id-Deheb, fejn infurmajnih li qed ikollna diversi lmenti dwarhu fejn qed jimla' l-iskips bl-iskart tiegħu. Għarrafnih ukoll li dawn qegħdin għal użu domestiku biss.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Mejju 2012, li kienu jammontaw għal €34.52. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€34.52 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

b. *Skeda ta' Ħlas Mejju 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2012 u li jammontaw għal €25,496.21. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda kopja tal-*Management Letter* li l-Kunsill irċieva mingħand l-Awdituri tal-Gvern fejn għamlu r-rimarki tagħhom. Ir-risposta tal-*Management Letter* għandha titħejja mill-*Accountant* tal-Kunsill u wara li tiġi approvata tintbagħat lill-Awditur Ġeneral tal-Gvern kif ukoll d-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sur Abdilla qal li din tiġi diskussa jew f'Laqgħa tal-Finanzi jew meta jiltaqa' l-Kunsill.

## 5. Toroq

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tinħareġ kwotazzjoni għal "*Surveyor for Street Alignment*" biex jagħmel il-livelli ta' Triq Tumbarellu w Triq Santa Marija qabel ma' dawn jingħataw it-tarmak. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal ukoll li Sqaq ta' Loretu Nru. 5 se jingħata konkos normali u se jiġi jiswa' aktar minn €1000 għax il-kuntrattur irid iżid ix-xibka. Il-Kunsill qabel li dan isir.

Waqt id-diskussjoni fuq it-toroq is-Sur Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx ħareġ żewġ permessi fit-22 ta' Ġunju, 2012, liż-żewġ Għaqdiet tal-Baned differenti fl-istess ġurnata u ħin. Qal li din hija ħaġa perikoluża, u ma jaqbilx li jsiru żewġ attivitajiet differenti fl-istess ġurnata u fl-istess ħin minn żewġ entitajiet differenti.

Is-Sindku qal li hu ffirma ż-żewġ permessi bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm oġġezzjoni minn naħa tal-pulizija. Is-Sindku kompla jgħid li hu kellem lis-Superintendent dwar dan u dan tal-aħħar se jlaqqa' liż-żewġ entitajiet flimkien biex dawn l-attivitajiet jiġu diskussi. Kompla jgħid li s-Superintendent qal li m'għandux ikun hemm problema.

Il-Viċi Sindku qal li l-permessi tal-Festa biss iridu jiġu approvati mill-Pulizija. Permessi għall-attivitajiet oħra matul il-ġimgħat tas-sena iridu jiġu approvati mill-Kunsill wara li jinġieb in-"*No Objection*" tal-Pulizija.

Is-Sinjura Agius qalet li qabel kien hemm forma ta' kompromess li l-Każini jħallu xaharejn jgħaddu wara l-Festa qabel ma jagħmlu attivita' oħra.

Is-Segretarju qalet li qabel iż-żewġ Każini kienu jġibu programm t'attivitajiet, issa dan m'għadux isir.

Il-Viċi Sindku, s-Sur Abdilla staqsa ukoll jekk ġewx rifjutati permessi biex jintramaw kiosks qrib tal-post fejn sar il-Kunċert. Anzi għandhu nformazzjoni lil-applikanti ġew riferuti mill-Kunsill lill-orginzzaturi tal-Kunċert biex joħorġulhom il-permessi huma.

Is-Sindku qal li l-permessi għal waqt il-kunċert ingħataw biss fis-*Service Road* fil-*Bypass* minħabba li l-organizzaturi tal-kunċert kellhom il-permessi tagħhom.

Il-Viċi Sindku qal li skond il-liġi, kulħadd jista' jarma sa 50 metru l-bogħod minn fejn tkun qed issir l-attivita' għaldaqstant permessi bhal dawn ma jistgħux jiġu rifjutati.

**6. <u>Bandli</u>**

Is-Sindku qal li madwar il-bandli li hemm quddiem l-iskola jeħtieġ li jsiru żewġ filati *bricks* u jsir *coping* fuqhom kif ukoll jinbidlu l-bandli jsiru tal-plastik u jinbidlu l-ktajjen. Is-Sindku kompla jgħid li l-balavostri li hemm fil-*pitch* tal-boċċi jeħtieġ jinżebgħu kif ukoll l-arbli. Il-latrina minn wara kif ukoll l-injam tad-dawra jeħtieġ li jinżebgħu. Il-Kunsill qabel.

**7. <u>Il-Fuljett</u>**

Dwar il-fuljett, il-Kunsillier Alan Picco qal li dan ser ikun lest ġimgħa wara l-festa ta' San Ġużepp.

**8. <u>Jum Ħal Għaxaq</u>**

Il-Viċi Sindku qal li jixtieq jgħid li qed jiddejjaq ħafna li qed isir ċertu diskors kif sar waqt ir-riċeviment ta' Jum Ħal Għaxaq. Qal li gie mgħarraf minn żewġ persuni li persuna oħra qalet li Ġieħ Ħal Għaxaq ingħata lis-Sinjura Marianne Schembri din is-sena għax is-Sur Joe Abdilla qal li l-aħjar naraw jekk il-proġett jirnexxiex jew le.

Is-Sur Abdilla kompla jgħid li jekk kien hawn persuna li ma riditx li jingħata Ġieħ Ħal Għaxaq lis-Sinjura Schembri żgur ma kienx hu. Is-Sur Abdilla qal li kien hu stess li ppropona li Ġieħ Ħal Għaxaq jingħata lis-Sinjura Schembri s-sena l-oħra. Qal ukoll li jekk kien hemm xi ħadd li qal li nistennew għas-sena d-dieħla żgur ma kienx hu, u dan jixhduh il-minuti tas-sena l-oħra fejn ġiet proponuta is-Sinjura Schembri biex tingħata Ġieħ Ħal Għaxaq.

Is-Sur Abdilla qal li hu jikkonferma u ma jiddejaqx jgħid li kienu is-Sur Charles Agius u is-Sur Justin Tabone li nfurmawh li qed jingħad dan id-diskors, xi ħaġa li mhux veru. Is-Sur Abdilla qal ukoll li ma jafx għalfejn qiegħed jibqa' jingħad dan id-diskors meta hu ppropona li s-Sinjura Schembri tingħata Ġieħ Ħal Għaxaq is-sena l-oħra.

Is-Sur Abdilla kompla jgħid li dan id-diskors irid jinqata' darba għal dejjem.

**9.** ***Streaming* tal-Laqghat**

Il-Viċi Sindku qal li bħal Kunsilli oħra nistgħu nibdew il-proċess biex laqgħat tal-Kunsill jiġu streamjati *live* fuq il-*website* tal-Kunsill.

Is-Segretarju qalet li l-Kunsill bħalissa juża il-*website* tad-Dipetiment.

Il-Viċi Sindku qal li tinħareġ *Call of Interest* biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel.

**10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li issir mera fi Triq l-Iklin. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal ukoll li qasrija mkissra li hemm fi Triq Santa Marija jeħtieġ tinbidel. Il-Kunsill qabel.

c. Is-Sur Vassallo qal li l-katnazz li jkun jagħlaq il-*mini-pitch ground* qed jiġi mkisser minn xi żgħażagħ. Qal ukoll li se jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sinjura Agius qalet li r-*re-instatement* li sar mil-*Water Services Corporation* quddiem *Barbara House*, fis-*Service Road* tal-*Bypass* irid jinbidel għax il-kwalita' tat-tarmak li ntuża mhux ta' kwalita tajba u bis-sħana qed idub u jinqala'. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb li dan isir.

e. Is-Sindku qal li residenti qed jilmentaw li qed ikollhom iħallsu €5 jew €3 lill-ispiżeriji minn fejn qed jiġbru il-pilloli, dan meta t-tabib li jagħmel ir-riċetti mhux qed jieħu l-ebda ħlas mingħand dawn ir-residenti. Is-Sindku kompla jgħid li minħabba dan it-tabib Grixti jixtieq joffri s-servizzi tiegħu b'xejn billi r-residenti iħallu l-karti tagħhom il-Kunsill, it-tabib Grixti jiffirmahom u r-residenti jerġgħu jiġbruhom.

   Is-Sinjura Agius qalet li ma' tafx għalfejn dan irid isir mill-Kunsill meta żewġ bibien l-isfel mill-Kunsill hemm il-berġa tal-Gvern li tiftaħ darbtejn fil-ġimgħa w r-residenti jistgħu jinqdew hemm.

   Il-Viċi Sindku qal li b'daqshekk il-Kunsill ma jkun qed jagħmel xejn ħażin ħlief joffri s-servizzi tiegħu lir-residenti.

   Sar qbil li jġgi iċċekjat mad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali jekk dan jistgħax isir.

**11. Aġġornament**

Is-Sindku fl-4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 11 ta' Ġunju, 2012, fis-2:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It-Tnejn, 11 ta' Ġunju, 2012, fis-2.00pm**